MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 103/2002/1

**Edward Cassar**

**Vs**

**Francis Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ppresentata fit-30 ta’ Jannar, 2002, fejn l-attur ipremetta illi b’citazzjoni numru 229/78 intavolata fit-28 ta’ Frar, 1978 fl-ismijiet Francis Sammut vs Edward Cassar, il-konvenut talab lil din il-Qorti (1) tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmien centezmi (LM226.08), spejjez li saru fl-imsemmija vettura; u (2) tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti ghall-“*Loss of Use*” ta’ l-imsemmija *Land Rover*, u dan okkorendo permezz ta’ periti nominandi; Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Ottubru, 1977, li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni;

Ipremetta illi b'sentenza ta' din il-Qorti moghtija fit-13 ta' Frar, 2001, fil-kawza fl-ismijiet premessi, il-Qorti laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut kif rapprezentat ihallas lill-attur is-somma ta' LM226.08, spejjez li saru fuq il-vettura msemmija, u kkundannatu jhallas lill-attur is-somma likwidata ta' LM10,000 ghal *loss of use* ta' l-istess vettura bl-imghax mid-data tas-sentenza. Bl-ispejjez kontra l-konvenut kif rapprezentat;

Ipremetta illi kontestwalment ma' dawn il-proceduri l-attur intavola citazzjoni quddiem din il-Qorti fejn qieghed jitlob it-thassir tas-sentenza tat-13 ta' Frar, 2001, fl-ismijiet Francis Sammut vs Edward Cassar (citazzjoni numru 229/78) u qed jitlob ir-ritrattazzjoni ta' l-istess a tenur ta' Artikolu 811 (a) u Artikolu 811 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ipremetta illi kontestwalment ma' din ic-citazzjoni l-attur ta garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija jekk din ma tigix imhassra;

Ipremetta illi jekk is-sentenza tat-13 ta' Frar, 2001, tigi ezegwita minkejja t-talba ta' ritrattazzjoni huwa ser isofri pregudizzju akbar milli t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza tikkaguna lill-konvenut;

Talab ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

Tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Frar 2001 fl-ismijiet Francis Sammut vs Edward Cassar (Citazzjoni numru 229/78) u dan ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi;

(a) preliminarjament il-garanti offerti mill-attur mhumiex idoneji u mhux qed jigu accettati bhala tali u ghalhekk, l-attur ghandu jgib garanzija idoneja u senjatament garanzija bankarja jew depozitu kontanti;

(b) l-attur irid jipprova illi ottempera ruhu mad-deposizzjonijiet tal-ligi, inkluz dawk fl-artikolu 823 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) It-talba ghat-thassir tas-sentnza tat-13 ta' Frar, 2001, (citazzjoni numru 229/78) u r-ritrattazzjoni tal-istess ma saritx kontestwalment mal-prezenti;

(d) Mhuwiex minnu illi s-sentenza ttiedet b'qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra, kif allegat fic-citazzjoni odjerna;

(e) L-azzjoni attrici ibbazata fuq l-artikolu 811 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tigi michuda stante illi *ai termini* tal-artikolu 818 u 819 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tali azzjoni ghandha ssir *entro* tlett xhur mid-data tas-sentenza;

(f) Mhuwiex minnu illi jekk tigi ezegwita s-sentenza l-attur ser isofri pregudizzju akbar milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza tikkaguna lill-konvenut;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet id-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur qed jiddikjara li hu kien konvenut sokkombenti fi proceduri li ttiehdu kontra tieghu b'kawza

numru 229/78, liema kawza giet deciza kontra tieghu minn din il-Qorti fit-13 ta' Frar, 2001. L-attur talab ir-ritrattazzjoni ta' dik il-kawza bi proceduri appositi (citazzjoni numru 77/02), u ressaq din il-kawza biex jitlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza pendenti l-esitu tal-proceduri ta' ritrattazzjoni.

Bhala garanzija ghall-eventwali hlas skond is-sentenza, l-attur ressaq bhala garanti lill Stefano u Eileen konjigi Cassar ghal liema garanti l-konvenut oppona bhala li mhumiex idoneji. Eventwalment, il-konvenut ressaq garanzija bankarja datata 27 ta' Gunju, 2002, mahruga mill-*Bank of Valletta plc* (ref SG/82/39/2002) ghall LM12,400, liema garanzija kienet accettabbli ghall-attur.

Din il-garanzija bankarja tidher li tissodisfa ir-rekwisit tal-artikolu 823 (2) tal-kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Hu veru li dak is-sub-artikolu jitlob li l-garanzija tinghata flimkien mat-talba, u, f'dan il-kaz, il-garanzija bankarja giet presentata fil-mori tal-kawza. L-attur, pero, fil-fatt, kien ressaq 'garanzija' mac-citazzjoni, liema garanzija ma gietx accettata mill konvenut. Din il-Qorti kien ikollha tisma' l-provi biex tiddeciedi jekk din il-garanzija moghtija kienetx wahda 'tajba' fis-sens tal-ligi, izda l-attur offra li jressaq garanzija bankarja, u fil-fatt din tresqet u giet accettata mill-konvenut.

Il-Qorti hija sodisfatta li l-garanzija moghtija hi tajba ghall-iskop li trid il-ligi, u, fic-cirkustanzi, jidhrilha li l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lill-attur milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-konvenut.

L-eccezzjonijiet l-ohra mressqa mill-konvenut, jittrattaw il-meritu tat-talba ghar-ritrattazzjoni u mhuwiex rilevanti ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni meritu ta' din il-kawza; din il-Qorti, ghalhekk, f'dawn il-proceduri, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' u l-hames eccezzjoni tal-konvenut.

Il-Qorti, ghalhekk, tiddecciedi din il-kawza billi ghar-ragunijiet premessi, tilqa' t-talba tal-attur, u tordna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din il-

Qorti fit-13 ta' Frar, 2001, fl-ismijiet "Francis Sammut vs Edward Cassar" (citazzjoni numru 229/78) u dan sakemm tigi definitivament determinata il-kawza ta' ritrazzjoni numru 77/02 li fetah l-attur.

L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu kollha mill-attur.

IMHALLEF

D/REG